MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 613/2009

**Korporazzjoni Enemalta**
**Vs**
**Alfred Schembri & Sons Limited (C-11164)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf, disa' mija, tlieta u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,963.43) rapprezentanti danni kagunati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar il- 25 ta' Marzu, 2006 fi Triq Hal Far, B'Bugia.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2008, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-dani kkagunati u bil-kumpanija konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta billi s-socjeta’ konvenuta ma tahtix ghall-incident.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess, l-ammont miltub huwa ezagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ u ra x-xhieda ta’ Omar Farrugia, Prokuratur Legali Victor Bugeja, Perit Johann Farrugia, Jesmond Grech, Mark Cauchi, Louis Cauchi, Jacqueline Busuttil, PS645 Gerald Attard, Carmel Farrugia u Kevin Farrugia.

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ spejjez involuti wara li ntlaqaghat *cable* appartenenti lill-korporazzjoni attrici allegatament mis-socjeta’ konvenuta fil-25 ta’ Marzu, 2006 f’Hal Far Road, Birzebugia. Illi gie allegat mill-korporazzjoni attrici, illi l-post fejn kien jinsab dan il-*cable* milqut kien mmarkat regolarment bil-*markings* mhejjija mill-haddiema tal-korporazzjoni attrici flimkien mall-haddiema tas-socjeta’ konvenuta. Illi ghaldaqstant, il-haddiema tas-socjeta’ konvenuta kienu jafu fejn kienu lokalizzati il-*cables*. Intqal ukoll illi dawn il-*cables* kienu jinsabu kwazi sitt piedi ‘l isfel u cioe’ oltre t-tlett piedi fejn normalment jinsabu. Gie spjegat illi il-*markings* jittiehdu permezz ta’ *tracking equipment.* Intqal ukoll illi meta kuntrattur jigi sabiex ihaffer jekk hemm marka fin-nofs il-kuntrattur dejjem ghandu jiskava bhala mezz ta’ sigurta’ kemm minn naha tax-xelllug u kemm minn naha tal-lemin u ghandhom izommu almenu zewg piedi u nofs minn kull naha. Gie spjegat minn Mark Cauchi illi l-marki kienu saru fuq *hard surface area* u ma kienx hemm hamrija. Louis Cachia xehed illi fejn kienu qieghdin ihaffru u kien ghamlu *markings* kien hemm il-hamrija, izda iktar tard fix-xhieda

tieghu kien gie fid-dubju jekk fejn kienu saru l-*markings* kienx hemm *tarmac*.

Illi minn naha tal-korporazzjoni attrici gie sostnut illi t-trinka fejn kienet haffret is-socjeta' konvenuta kellha '*warning slabs*.' Illi s-socjeta'konvenuta ma kienetx tat kaz il-'warning slabs' li kienu fuq il-'cables' milquta. Intqal ukoll illi l-'*warning slabs'* minnhom infushom huma ta' preventiv ghal min ikun qieghed ihaffer.

It-Tribunal jirrilleva li nholoq dubju bejn ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici jekk l-*markings* kienux saru fuq *tarmac* jew hamrija. Filwaqt illi xhud wiehed kien qal illi l-*markings* kienu saru fuq *hard surface area* iehor qal illi l-*markings* kienu saru fuq il-hamrija. Izda imbghad gie fid-dubju u permezz ta' affidavit pprezentat ulterjorment xehed illi l-*markings* u thaffir kienu saru fuq art fejn kien hemm hamrija li tkun ghaqdet u bbieset maz-zmien u l-*markings* jibqghu jidhru.

Illi skont ir-rapport maghmul fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett numru 5, PS645 Gerald Attard qal illi *a tempo vergine* gie rappurtat mill-*foreman* tal-Enemalta illi kien intlaqat *cable* taghha f'Hal Far Road, B'Bugia fil-25 ta' Marzu, 2006 mill-haddiema tas-socjeta' Alfred Schembri & Sons, wara testijiet li kienu ghamlu izda din il-hsara ma gietx irrapurtata mill-haddiema li kienu qieghdin jahdmu. Meta marru fuq il-post il-Pulizija, raw il-hsara fuq il-*cable*, kelmu lil Kevin Farrugia li nfurmahom illi huwa kien qieghed jahdem bil-gaffa tal-ghamla JCB Caterpillar bin-numru FAS-121 li huwa kien qed ihammel u sab il-*cable* u laqtu. Il-Pulizija kkonferma mill-*attendings* tal-EneMalta li kienu saru l-*markings* fi Frar tal-2006. Il-Perit tas-socjeta' konvenuta spjega lil-Pulizija li fejn kienu l-*markings* ma kienx ezatt fuq il-*cable*, izda 'l barra mill-*cable*. Illi intqal ukoll lill-Pulizija li il-*cables* kienu jinsabu sitt piedi 'l isfel u 'l gewwa mill-*markings* ghalkemm il-prassi hija li l-*cables* jkunu tlett piedi u nofs mit-triq 'l isfel.

Illi skont ix-xhieda tas-socjeta' konvenuta intqal mill-*foreman* Carmel Farrugia li meta tlestew il-*markings* kollha bdew bix-xoghol taghhom billi ghamlu *pilot holes* sabiex

jillokallizzaw fejn hemm is-servizzi. Permezz ta' dawn il-*pilot holes* kienu sabu fejn jinsab il-*cable* tal-EneMalta u eventwalment kixfuh. Spjega kif il-*cable* ezebit fir-ritratti JG1, JG2, JG3 u JG4 ma jindikawx illi huwa l-*cable* li ntlaqat minnhom izda huwa l-*cable* li ghalih kienu ghamlu l-*markings* tal-Enemalta u li s-socjeta' konvenuta kienet kixfet. Intqal illi dawn ir-ritartti huma tal-'*pliot hole*.' It-thaffir kien qieghed jaghmlu Kevin Farrugia. Gara li waqt li huma kienu qieghdin ihaffru fil-fond sabiex isibu l-blat sabiex jittella' l-hajt fuqu, meta wasslu f'fond ta' madwar erba' jew hames metri intlaqat il-*cable* u fil-pront infurmaw lil Enemalta. Meta gew il-haddiema tal-Enemalta issuspettaw illi dak kien *cable* antik u li kien hemm possibilita' li ma kienx ghadu jintuza. Wara verifiki li ghamlu rrizulta li dak il-*cable* kien jintuza u kellu bzonn jissewwa. Intqal ukoll illi fejn kienu haffru ma kienx hemm *markings* ta' xejn u li fil-fond li kien lanqas ma kien jintlahaq mit-*tracking device* u ghaldaqstant ma kienx hemm mezz li jiskopru li f'dik il-profondita' kien hemm *cable* qabel ma sar it-thaffir.

It-Tribunal sema' lis-sewwieq tal-gaffa li kien laqat il-*cable*. Spjega li dak inhar kienu qieghdin jahdmu fuq *boundary wall* ghal *car park* tal-Malta Freeport. Spjega kif qabel ma bdew ix-xoghlijiet, l-Enemalta kienu ghamlu l-*markings* u wara li saru l-*markings* u qabel ma bdew ihaffru ghamlu *pilot holes* sabiex isib ezattament fejn kien il-*cable* li ghalih kienu nghataw il-*markings*. Kif jaghmlu f'cirkostanzi simili is-sewwieq tal-gaffa JCB kien zamm certa distanza mill-*cable* sabiex ikun jista' jibda ihaffer. Illi huwa kellu jhaffer certu tul sakemm isib il-blat ghall-pedament tal-hajt. Fil-fatt huwa kien haffer xi ghaxar piedi 'l isfel meta laqghat il-*cable*. Fil-pront huwa cempel l-ufficju w infurmahom illi l-*cable* kien jinsab mirdum hafna 'l isfel. Qal illi normalment il-*cables* jinsabu tlett piedi u nofs 'l isfel mit-triq izda dan il-*cable* kien f'profondita' iktar u lanqas ma kellu *warning tape* li ssoltu ikun hemm. Dan ix-xhud ikkonferma li r-ritratti ezebiti f'dokumenti Jg1, Jg2, Jg3 u Jg4 ma kienetx il-hofra li huwa kien qieghed ihaffer ghaliex kienet hafna ikbar u l-*cable* ma kienx qieghed fejn gie mmarkat fir-ritratti ezebiti in atti. Il-hofra indikata fir-ritratti hawn fuq

imsemmija huwa biss *pilot hole* li tal-Enemalta kienu immarkaw.

It-Tribunal jirrilleva li mix-xhieda tal-Korporazzjoni attrici intqal illi l-hsarat gew konstatati wara verifiki li kienu qieghdin jaghmlu l-haddiema tal-EneMalta fuq rapport minn naha tas-socjeta' konvenuta li kienu laqtu *cable* li kien mirdum f'profondita' ta' cirka' erba' metri.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi t-talba odjerna tirrigwarda hsarat f'*cable* li gie milqut allegatament mis-socjeta' konvenuta skont ritratti ezebiti a fol. 30, 31, 32 u 33. Illi mill-provi tas-socjeta' konvenuta irrizulta konfuzjoni dwar il-lok ta' fejn intlaqat il-*cable*. Illi skont is-socjeta' konvenuta huwa minnu li hija laqtet *cable* izda l-*cable* li hija laqtet ma kienx dak indikat fir-ritratti bejn fol. 30 u fol. 33. Intqal illi l-*cable* li kien intlaqat kien fi trinka filwaqt illi r-ritratti kienu qieghdin jindikaw il-*pilot hole* li kienu haffru sabiex jaraw fejn kienu il-*cables*.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, it-Tribunal ra li l-korporazzjoni attrici baqghet issostni li r-ritratti jirriflettu l-hofra li garrbet il-hsarat u li tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawza u t-Tribunal qieghed jemmen illi l-hsarat fir-ritratti ezebiti huma mertu ta' din il-kawza u li huma l-hsarat li gew kawzati mis-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi x-xhieda taz-zewg partijiet hija konfliggenti. Illi primarjament is-socjeta' konvenuta m'hijiex qed taqbel illi l-hsarat li hija kienet ghamlet fil-*cable* kienu dawk indikati mill-korporazzjoni attrici fir-ritratti taghha ezebiti bejn fol. 30 sa fol. 33. Illi r-ritratti ezebiti huma ta' *pilot hole* li hija kienet haffret izda ma kienetx il-hofra mertu tal-hsarat. Is-socjeta' konvenuta sostniet illi l-hofra mertu ta' dawn il-hsarat kienet ohra. Izda t-Tribunal jirrilleva li minkejja dawn l-allegazzjonijiet minnnaha tas-socjeta' konvenuta ma jidhirlux illi gabet ebda prova ohra li ssahhah l-allegazzjonijiet taghha kontra dak li gie allegat mill-korporazzjoni attrici. Illi hija l-fehma tat-Tribunal li l-hsarat imsemmija fit-talba huma dawk indikati fl-imsemmija ritratti. Illi l-korporazzjoni attrici qalet illi hija

kienet ghamlet *markings* fejn kien hemm il-hamrija li tghaqdet u bbieset maz-zmien. It-Tribunal ma jidhirlux illi dawn il-*markings* qatt setghu jsiru fuq il-haxix kif indikat fir-ritratti bejn fol. 30 u fol. 33 u jekk fil-fatt saru dawn ma setghux ikunu *markings* permanenti.

Illi mir-ritratti ezebiti, t-Tribunal huwa sodisfatt illi kien sar thaffir, illi l-profondita' mid-daqqa t'ghajn hija ta' mhux iktar minn tlett metri u li l-*cable* li gie milqut huwa *cable* antik, tant illi ma kienx hemm *warning tape* izda jirrizulta li kien hemm *warning slabs*. Illi din it-trinka jew *pilot hole* kienet giet mhaffra mis-socjeta' konvenuta. Illi l-hsarat gew ikkonfermati li sehhew mill-*cable* li jidher fir-ritratti. Mir-ritratti jidher illi fuq il-*cable* hemm *warning slab*. Illi dawn il-*warning slabs* jinsabu f'cirka zewg metri u nofs 'l isfel mit-triq. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li qabel ma ssir *pilot hole* l-haddiema l-ewwel juzaw t-*tracking device* sabiex jillokalizzaw fejn jinsabu dawn il-*cables*. L-Enemalta lokalizzathom u konsegwentement beda t-thaffir mill-kuntrattur tal-*pilot holes* sabiex jistabilixxu f'liema livell jinsabu l-*cables*. Illi mill-provi rrizulta li l-*cable* li gie milqut kien jinsab f'certa profondita' mhux tas-soltu. Illi hija prassi li meta jkunu qieghdin jithaffru *pilot holes* irid ikun hemm iktar attenzjoni ghaliex il-kuntrattur irid jiehu hsieb ifittex il-livell ta' fejn jinsabu l-*cables*. Illi t-Tribunal huwa konvint illi jekk kif intqal mis-socjeta' konvenuta r-ritratti jirraprezentaw *pilot hole* il-haddiema tas-socjeta' konvenuta kellha tkun iktar attenta hija u thaffer, ikun hemm jew ma jkunx hemm *markings*. Illi hija prassi li fuq il-livell tal-*cable* jitqieghed *warning tape* bil-kulur. Irrizulta li dawn il-*cables* kienu antiki u konsegwentement minghajr *warning tape.* Kienet prassi fil-passat illi minflok *warning tapes* jitqieghdu w*arning slabs* fuq il-*cable* u t-Tribunal huwa konvint illi s-sewwieq tal-gaffa appartenti s-socjeta konvenuta, ma kienx daqstant attent u baqa' jhaffer sahansitra meta' laqghat il-*warning slabs* bil-konsegwenza li laqghat il-*cable*.

Mill-provi rrizulta lit-Tribunal illi x-xhieda tal-korporazzjoni attrici ftit li xejn kienet konsistenti ghalkemm baqghu isostnu li din kienet trinka u kienu ghamlu l-*markings* izda

t-Tribunal ma fehemx kif jistghu jsiru *markings* fil-hamrija stante li r-ritratti kienu jindikaw hofra f'ghalqa bil-hamrija.

Izda, minkejja l-kwistjoni tal-*markings*, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-*cable* li gie milqut kien waqt illi kien qed jithaffer *pilot hole*. Il-*cable* milqut kien almenu zewg metri 'l isfel mit-triq u li dan il-*cable* kien kopert b'*warning slabs*. Illi galadarba l-*cables* kienu protetti b'*warning slabs* u l-haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu qieghdin ihaffru f'post fejn kienu jafu li seta' jkun hemm *cables* il-haddiema kellhom jiehdu iktar prekawzjonijiet.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi fuq il-*cable* li ntlaqat kien hemm il-*warning slabs*. Li kieku fejn kien qed issir it-thaffir ghall-*cables* ma kienx hemm *warning slabs* fuqhom allura l-kuntrattur m'ghandux jitqies responsabbli, izda gjaladarba l-*warning slabs* kienu hemm, il-kuntrattur kellu jiehu l-prekawzjoni xierqa skont ic-cirkostanzi.

Illi rigward il-kwantum tat-talba, t-Tribunal ra mid-dokumenti ezebiti mill-korporazzjoni attrici, li mis-somma ta' elf disa' mija, tlieta u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1963.46) tal-ammont mitlub, is-somma ta' elf erba' mija sitta u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€1436.64) huma hidma (labour). It-Tribunal ra li kien hemm erba' haddiema jahdmu fuq ix-xoghlijiet riparatorji izda ra li kollha nizzlu li l-hin li kienu hadmu kien jew mit-8.30a.m jew mill-10.00a.m sas-1.00p.m., tal-gurnata ta' wara, fil-gurnata tal-25 ta' Marzu, 2006. B'kollox medja ta' 14.5 sieghat kull wiehed (ara dok. JB3, JB4 u JB 5 bejn fol. 50 sa fol. 53). It-Tribunal ra li r-rapport tal-hsarat kien sar ghal habta tas-1.00p.m., tal-25 ta' Marzu, 2006. Illi lit-Tribunal jidhirlu li ma jistax ikun illi l-haddiema bdew jahdmu qabel ma grat il-hsara. Illi hemm inkonsistenzi kbar fil-hinijiet imnizzla mill-haddiema ta' meta bdew jahdmu. Illi din it-*time sheet* fil-fehma tat-Tribunal ma tirriflettix il-hin preciz ta' kemm damu jsewwu l-hsarat izda jirrifletti pjuttost kaz ta' *mismanagement* minn naha tal-korporazzjoni attrici li ma ndunatx bid-diskrepanza qawwija tal-hinijiet imnizzla ghat-tiswijiet. Illi jekk il-hsarat gew rapportati fis-1.00p.m. tal-25 ta' Marzu, 2006, it-Tribunal isaqsi kif it-*time sheet* tghid illi bdew jahdmu fit-

8.30a.m. tal-25 ta' Marzu, 2006. It-Tribunal ma jidhirlux illi t-*time sheet* hija prova veritjiera ta' kemm fil-fatt ghandha ticcargja bhala xoghol. Illi zgur ma kiex hemm iktar minn tmien (8) sieghat xoghol ghall-erba' min-nies u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed *arbitrio boni viri* jalloka somma ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz fl-ammont ta' erba' mija u tmenin ewro (€480) bhala *labour* ghax-xoghlijiet riparatorji ta' erba' (4) min-nies fuq medda ta' tmien (8) sieghat u mhux kif gie kalkolat erronjament mill-Korporazzjoni attrici. Illi l-parts ghat-tiswija swew hames mija sitta u ghoxrin ewro u disgha u sebghin centezmu (€526.79), b'kollox is-somma m'ghandiex taqbez l-elf u sitt ewro u disgha u sebghin centezmu (€1006.79).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici fis-somma limitata ta' elf u sitt ewro u disgha u sebghin centezmu (€1006.79) mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza sapportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------